**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 21.10.07: Id-29 ĦADD MATUL IS-SENA.**

**ĠURNATA MISSJUNARJA**

Il-ġbir li jsir fil-knisja u fit-toroq jkun għall-Missjoni

**IT-TNEJN, 22.10.07:** Ir-Rużarju li qed isir fiz-zoni differenti f'dan ix-xahar, din il-ġimgħa jmiss fiz-zona ta' Triq ikl-Kbira, ħdejn id-Duluri. Jibda fis-7.30p.m. Ir-Residenti ta' din iz-zona huma mistiedna biex jattendu għal din it-talba għażiża.

**L-ERBGĦA, 24.10.07 Ikompli l-Kors dwar il-Bibbja fil-5.30p.m.** Suġġett :Il-Bibbja : kif tinqasam u l-Kotba **Post** : fis-sala tad-Dar tal-Parroċċa.

**IS-SIBT,27.10.07: Fil-4.00p.m**. Noel Borg u Margaret Refalo se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.

Nifirħulhom u Nawgurawlhom.

**Fis-7.00p.m.** Il-W.Rev. Arċipriet Mons. Pawl Cardona, se jmexxi quddiesa konċelebrata fil-parroċċa tagħna bħala parti mill-programm li jwassal għall-funzjoni tal-pussess tiegħu bħala Arċipriet tal-Parroċċa Bażilika ta' San Gorġ Martri bil-Belt Victoria.

Nistieden lill-komunita' parrokkjali kollha biex tieħu sehem f'din quddiesa u nifirħu miegħu għal din il-missjoni ġdida li ġiet afdata f'idejħ

**IL-ĦADD, 28.10.07: IT-30 ĦADD MATUL IS-SENA.**

## ĦIN TAX-XITWA.

IL-ĦADD, 28 ta' Ottubru, se jibda il-ħin tax-Xitwa. Il-ħinijiet tal-quddiesa ikun hekk : Nhar ta' Ħadd, 5.30, 6.30; 8.00; 9.30 u 10.30a.m.; u fil-4.00p.m.

Nhar ta' xogħol: 5.30; 6.15; 7.00 u 7.45a.m. u fis-6.00p.m.

## RINGRAZZJAMENT

Nixtieq mill-qalb nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fl-organizzazzjoni tal-ħafna attivitajiet fl-okkażjoni tal-Ġimgħa tal-Parroċċa.

## FULJETT FIL-FAMILJA

Mal-Bulettin ta' kull ġimgħa, qed jaslilkom id-dar, il-fuljett, *IL-KELMA TA' ALLA GĦALIK,* li jkun fiħ silta mill-Evanġelju tal-Ħadd u riflessjoni qasira.

Ħadt pjaċir li kien hemm ħafna persuni li wrew li apprezzaw għal din l-inizjattiva u qed isegwu dak li jkun fiħ il-Fuljett.

Nistieden lill-familji kollha biex jaqraw dan il-fuljett ħalli l-kelma li Alla jgħidilna fil-laqgħa tagħna miegħu nhar ta' Ħadd, nibqgħu niftakruha u nirriflettu fuqha.

## BAZAAR

Se jsir Bazaar organizzat mill-Kumitat ta' l-Armar tal-Festa. Dan se jkun fid-dar tal-Parroċċa fil-pjazza tal-knisja. Il-ġranet se jkunu l-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 26, 27 u 28 ta' Ottubru.

Ikun hemm varjeta kbira ta' xtieli, eċċ.

## IRTIR.

Se jsir irtir mill-gimgħa 2 ta' Novembru sal-Ħadd 4 ta' Nov. F'Dar Manresa mmexxi mis-superjuri tal-Museum John Formosa u Natalino Camilleri. Is-Suġġett se jkun "Nersqu lejn Kristu u nsiru nafuH aħjar permezz ta' San Gorg Preca" Min hu interessat iċempel lil Fr. Anthony Cilia Tel: 21556635

## KORSIJIET.

Fic-Centru ta' l-Universita' f'Għawdex se jibdew korsijiet ghal dawn li ma jafux jaqraw jew jiktbu u anke korsijiet għall-bdiewa. Dawn jibdew fis-26 ta' Novembru. Dawk interessati huma mitluba biex japplikaw sa mhux iktar tard mit-12 ta' Novmebru.

## KORS DWAR IL-BIBBJA

Ta' min ifaħħar l-attendenza li kien hemm fl-ewwel lezzjoni tal-kors dwar il-Bibbja. Diversi persuni oħra talbu biex jibdew jattendu. Dan huwa sinjal sabieħ li juri l-veru nteress fil-kelma ta' Alla. Inkomplu nattendu b'interess.